MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2004

Appell Kriminali Numru. 119/2004

**Il-Pulizija**

**vs**

**Clifton Vella**

Illum, 20 ta' Ottubru 2004

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Clifton Vella:

Talli fid-9 ta' Jannar 2004 ghall-habta ta' 4.50 p.m. f'santwarju ta' l-ghasafar fl-Ghadira l/o Mellieha kien qieghed ghall-kacca b'senter tal-marka Breda S/N 145276;

Ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu jew taht il-kontroll tieghu l-istess arma tan-nar li kien fl-ghatu ikkargat b'erba' skratac;

Ukoll talli waqt li kien fil-vettura tieghu bin-numru ta' registrazzjoni EAI-297 kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar ikkargata go l-istess vettura f'santwarju ta' l-ghasafar;

Ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu zewgt ghasafar mejta f'santwarju tal-ghasafar (sturnell);

Ukoll talli bhala possessur ta' licenzja taht l-artikolu 3 tal-Kap. 66 naqas li jhares il-kundizzjonijiet imsemmija f'dik il-licenzja;

Il-Qorti giet mitluba li barra l-piena skond il-ligi, tordna l-konfiska tal-oggetti esebiti kif ukoll tordna l-iskwalifika tal-licenzja tal-kacca ghal perijodu ta' mhux anqas minn sena;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-17 ta' Mejju 2004 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Clifton Vella hati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu u kkundannatu ghall-hlas ta' multa ta' tliet mija u hamsin liri Maltin (Lm350) u ghall-iskwalifika mil-licenzja tieghu ghal zmien sena mid-data tas-sentenza;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-istess Clifton Vella pprezentat fis-26 ta' Mejju 2004 li permezz tieghu talab li din il-Qorti (a) tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn kull imputazzjoni dedotta kontra tieghu, u (b) f'kaz li dan l-appell ma jigix milqugh tirriforma l-istess sentenza billi tapplika piena anqs harxa;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza;

Rat il-verbal tad-9 ta' Settembru 2004 li permezz tieghu Dott. Edward Gatt ghall-appellant irrinunzja ghall-aggravji kollha hlief dik dwar il-piena;

Semghet is-sottomissjonijiet ta' Dott. Edward Gatt ghall-appellant u ta' Dott. Anthony Barbara ghall-appellat ;

Ikkunsidrat:

In vista tar-rinunzja li saret fis-seduta tad-9 ta' Settembru 2004 ta' l-aggravji kollha dwar il-mertu kontenuti fir-rikors ta' appell, din il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghhom u tghaddi biex tikkunsidra l-aggravju dwar il-piena.

Fir-rikors ta' appell l-appellant jghid li l-piena nflitta fuqu kienet harxa wisq. Jghid li dan kien l-ewwel kaz tieghu u ghalhekk hass li l-multa ta' tliet mija u hamsin liri maltin (Lm350) u aktar u aktar is-sena skwalifika tal-licenzja tal-kacca kienu onoruzi wisq meta wiehed jikkonsidra li kull ma ghamel l-appellant kien li dahal bil-karozza fejn rizerva u fil-fatt instab mill-Pulizija jsuq bis-senter maqful go pocket. Waqt is-sottomissjonijiet quddiem din il-Qorti rega' gie enfasizzat li dan kien l-ewwel kaz tieghu u li l-appellant normalment iqatta' hafna hin ghall-kacca flimkien mal-papa` tieghu. Ghalhekk is-sena skwalifika in partikolari kienet ferm oneruza.

Issa l-principju regolatur in materja ta' piena huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat[1].

Minn ezami ta' l-Avviz Legali 146/1993 certament jirrizulta li l-piena hija sew entro l-parametri stabbiliti mil-ligi. Difatti f'kaz ta' reat kontra r-regolament 21(1) il-piena f'kaz ta' l-ewwel reat huwa ta' multa ta' mhux anqas minn hamsin liri Maltin (Lm50) izda mhux aktar minn elf liri Maltin (Lm1,000) u l-konfiska tal-*corpus delicti*. Inoltre l-Qorti tista' wkoll tordna s-sospensjoni tal-licenzja jew permess

---

[1] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003; u Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Alfred Tonna**, 10 ta' Settembru 2004; **Il-Pulizija vs Jomic Calleja**, 30 ta' Settembru 2004; **Il-Pulizija vs Emanuel Magro**, 14 ta' Ottubru 2004.

ghal zmien mhux anqas minn sena. L-appellant instab hati ta' diversi imputazzjonijiet bi ksur ta' l-imsemmi Avviz Legali. Instab hati wkoll ta' ksur ta' l-artikolu 16 tal-Kap. 66 b'riferenza ghall-artikolu 3 ta' l-istess Kap. 66; skond l-imsemmi artikolu 3, fejn persuna jkollha arma tan-nar fil-pussess jew kontroll taghha barra minn fond jew post li jaghmel mieghu, il-piena hi ta' prigunerija ghal zmien ta' minn xahrejn sa sentejn. Kwantu ghall-iskwalifika tal-licenzja, l-ewwel Qorti uzat id-diskrezzjoni taghha u ordnat l-iskwalifika fil-minimu stabbilit.

F'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti ma tarax li r-ragunijiet li avvanza l-appellant jistghu jitqiesu bhala ragunijiet validi bizzejjed biex iwassluha tikkunsidra xi temperament fil-piena. Ghall-kuntrarju ta' dak li ssottometta l-appellant, il-piena nflitta kienet wahda pjuttost miti. Jekk l-appellant xtaq ikompli jgawdi n-namra tieghu, imissu osserva strettament il-ligijiet applikabbli. Ghalhekk il-piena nflitta mill-ewwel Qorti mhijex se tigi disturbata.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata b'dan li l-perijodu ta' skwalifika mil-licenzja tal-kacca tibda tiddekorri millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------